

## IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U AĞENZJJI  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**IL-KUNSILL**

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2014/932 kif implementata mid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2016, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 1352/2014, kif implementat mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2021/2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen**

(2021/C 467/02)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/932/PESK (¹), kif implementata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2016 (²) u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 (³) kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2021/2015 (⁴) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen.

Fid-9 ta' Novembru 2021, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 2140 (2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, żied tliet persuni mal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi.

Il-persuni kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kumitat tan-NU stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 2140 (2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjoni li jiġu inklużi dawk il-persuni fil-lista tan-NU tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Din it-talba għandha tintbagħha fl-indirizz li ġej:

Focal Point for De-listing  
 Security Council Subsidiary Organs Branch  
 Room DC2 2034  
 United Nations  
 New York, N.Y. 10017  
 United States of America  
 Tel. +1 9173679448  
 Fax +1 9173670460  
 Indirizz elettroniku: delisting@un.org

Għal aktar informazzjoni ara: <http://www.un.org/sc/committees/751/comguide.shtml>.

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddetermina li l-persuni ddeżejnji min-NU għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' persuni u entitajiet li huma soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/932/PESK kif implementata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2016 u fir-Regolament (UE) Nru 1352/2014 kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2021/2015. Ir-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista ta' dawn il-persuni kkonċernati jinsabu fl-entrati korrispondenti tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill.

(¹) ĠUL 365, 19.12.2014, p. 147.

(²) ĠUL 410 I, 18.11.2021, p. 7.

(³) ĠUL 365, 19.12.2014, p. 60.

(⁴) ĠUL 410 I, 18.11.2021, p. 1.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati dwar il-possibbiltà li jippreżentaw applikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ġtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjoni li jkunu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq terġa' tigħi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union  
General Secretariat  
DG RELEX 1C  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

L-attenzjoni tal-persuni kkonċernati qed tinġibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---